Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 186/2016

**Go plc**

**Vs**

**Ian Zammit**

21 ta' Frar, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas tas-somma ta' €567.58 fir-rigward ta' servizz ta' internet skont ma jirrizulta mill-kont 40193189.

2. Il-konvenut wiegeb li m'huwiex debitur.

3. Ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 deher biss rapprezentat tal-attrici assistit minn avukat, li ddikjara li l-attrici ma kellhiex iktar provi xi tressaq. Ghas-seduta ta' wara (15 ta' Gunju, 2016) hadd mill-partijiet jew difensuri ma deher. It-Tribunal ghamel riferenza ghall-artikolu 13(a) tal-Kap. 380 u ddiferixxa l-kawza ghall-ahhar darba ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 2016. Dakinhar rega' ma deher hadd u fil-verbal inkiteb: *"In vista tal-verbal tas-socjeta precedent, it-Tribunal jirrigetta l-kawza bl-ispejjez tas-socjeta attrici. Il-kawza kancellata"*. Fis-7 ta' Lulju 2016 l-attrici pprezentat rikors fejn ghamlet riferenza ghall-artikolu 199(3) tal-Kap. 12 u talbet li l-kawza terga' tigi appuntata. B'digriet tal-11 ta' Lulju 2016 it-Tribunal qal li dik id-disposizzjoni ma tapplikax ghall-kaz in ezami u cahad it-talba.

4. L-attrici appellat. L-aggravju hu li t-Tribunal zbalja li ddecieda kontra l-attrici ghaliex fl-istadju li nghatat is-sentenza kienet diga' ressqet il-provi kollha (ara verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2016). Ladarba fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016 ma deher hadd, it-Tribunal kellu japplika paragrafu (b) tal-artikolu 13 tal-Kap. 380 u mhux paragrafu (a).

5. Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti, tosserva:

   i. Hadd mill-partijiet ma deher ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 u 4 ta' Lulju 2016;

   ii. Fit-13 ta' Gunju 2016, l-attur iddikjara li ma kellux iktar provi;

   iii. Il-konvenut ma ressaqx provi;

iv. Fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 it-Tribunal ghazel li kellu jirreferi ghall-artikolu 13(a) tal-Kap. 380, meta l-attrici kienet diga' ghalqet il-provi taghha. L-istess ghamel fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2016. L-artikolu 13 japplika, *"Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza……."*.

v. Skond din id-disposizzjoni:

*"(a) jekk min jaghmel t-talba jonqos li jidher, il-gudikatur ghandu jhalli l-kawza ghal data ohra u jekk min ikun ghamel it-talba jerga' ma jidhirx, il-gurdikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-persuna li qed taghmel it-talba:*

*Izda l-gudikatur m'ghandux jaghmel id-differiment imsemmi kemm-il darba l-konvenut jitlob li l-kawza tinstema' dak inhar jew li tigi kancellata bl-ispejjez kontra l-persuna li tkun ghamlet it-talba".*

Fil-paragrafu ta' wara (b), il-ligi tipprovdi x'jigri jekk jonqos li jidher il-konvenut. Pero' ma jidhirx li d-disposizzjoni tipprovdi x'jigri jekk iz-zewg partijiet jonqsu milli jidhru, kif gara f'dan il-kaz. F'dik l-eventwalita', il-gudikatur liema paragrafu ghandu japplika, (a) jew (b) ? Id-disposizzjoni ma tatix twegiba, u l-kliem *"Jekk **xi** parti tonqos li tidher….."* kwazi iktar jaghtu lill-qorti x'tifhem li l-artikolu 13 japplika meta **wahda mill-partijiet** ma tidhirx ghas-seduta.

vi. Irrispettivament x'inhi l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 13, il-qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan il-kaz l-artikolu 13(a) kellu jigi applikat meta tqies li l-provi tal-attur kienu maghluqa u l-konvenut lanqas ma deher ghas-seduti. Fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2016 intqal li l-kawza kienet qeghda tigi differita ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 ***"ghall-provi kollha tal-konvenut"***. Pero' fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 il-konvenut u l-avukat tieghu ma deherux. Minflok it-Tribunal ghazel li japplika paragrafu (a) tal-artikolu 13 tal-Kap. 380 minkejja li l-attrici kienet diga' ghalqet il-provi taghha. Iz-zewg partijiet naqsu li ma deherux, izda n-nuqqas tal-konvenut tista' tghid li kien ikbar ghaliex ma ressaqx provi. Fil-fehma tal-qorti f'dak ix-xenarju l-ekwita skont il-ligi kienet tiddetta li t-Tribunal ma jaghzilx it-triq li ghazel. Dan iktar u iktar meta tqies il-konsegwenzi li taghti lok ghalihom decizjoni skont l-artikolu 13(a) [jekk wiejed jaqbel mal-insenjament tas-sentenza ta' din il-qorti, **Kontrollur tad-Dwana vs J.T.E Limited** tas-17 ta' Frar 2003][1]. M'hemmx dubju li kien hemm negligenza min-naha tas-socjeta attrici meta hadd ma deher ghaliha f'zewg seduti wara xulxin, pero' min-naha l-ohra kien il-konvenut li naqas milli jidher u jressaq il-provi

[1] Ovvjament dejjem jekk wiehed jaqbel ma' dak li jinghad fl-imsemmija sentenza, li decizjoni mehuda taht l-artikolu 13(a) hi gudikat.

f'seduta li giet appuntata ghal dak l-iskop u meta l-provi tal-atturi kienu diga' maghluqa.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-4 ta' Lulju, 2016 u minflok tordna li l-kaz jitkompla jinstema' fil-meritu. Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 8(4) tal-Kap 380 il-kaz ghandu jitkompla jinstema' u jigi deciz minn din il-qorti.**

Anthony Ellul.